# AKTAR OPPORTUNITAJIET GĦAS-SETTUR AGRIKOLU

minn Osvalido Zammit



**F'Malta hawn 47 lokalità rurali, li 33 minnhom jinsabu f'Malta u l-14 l-oħra jinsabu f'Għawdex. Dawn il-lokalitajiet jokkupaw 91% tat-territorju Malti u fihom joqogħdu madwar 64% tal-popolazzjoni**

Il-kontribut tas-settur agrikolu għall-ekonomija Maltija huwa wieħed minimu, madanakollu r-rwol tiegħu huwa ferm aktar importanti għax isebbaħ il-pajsaġġ u permezz tiegħu jinżamm l-ambjent tradizzjonali Malti. Għal dawn ir-raġunijiet l-agrikoltura hija kruċjali ukoll għas-settur turistiku.

Matul il-perjodu 2004-2006 Malta kienet allokata €33.6 miljun għal dan il-qasam. Id-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali ħejja pjan ġdid għall-perjodu 2007-2013 li fih 17-il miżura li minnhom jistgħu jibbenefikaw il-bdiewa u r-raħħala. Dan il-pjan għandu allokati għalih €100 miljun. L-ewwel miżura mnedija kienet il-Miżura 121 li kellha l-għan li tgħin fl-immodernizzar u fl-investiment fl-oqsma agrikoli.  L-applikanti setgħu jieħdu sa nofs l-ispiża tal-investiment, jiġifieri sa massimu ta' €150,000.

Għal din it-talba ta' applikazzjonijiet ġew sottomessi 357 applikazzjoni li minnhom 219-il applikazzjoni kienu mis-settur tal-frott u l-ħxejjex, filwaqt li 138 applikazzjoni oħra kienu mis-settur tat-trobbija tal-annimali. L-ispiża totali ta' kemm dawn l-applikazzjonijiet qed jitolbu tammonta għal €39 miljun. Ħafna bdiewa applikaw biex jixtru makkinarju bħal *tractors* u l-għodda li teħel miegħu, pompi tal-ilma, serer u ġwiebi. Ir-raħħala applikaw għal diversi proġetti, fosthom biex jixtru gaġġeġ ġodda li jkunu armati b'sistemi awtomatiċi tal-ikel u tindif, *parlours* u saqqijiet għal-baqar, kif ukoll kien hemm min irid jinvesti f' irziezet ġodda jew fir-ristrutturar tal-istrutturi eżistenti.

Fil-ġimgħat li għaddew fetħu ukoll aktar miżuri minn fejn il-bdiewa jistgħu jibbenefikaw fosthom insibu il-Miżura 114, biex il-bdiewa jkollhom l-użu ta' fergħa għal pariri tekniċi (*farm advisory services*), u l-Miżura 115 li għandha sservi biex jitwaqqaf l-operat għal din il-fergħa ta' pariri teknici.

Hemm ukoll il-Miżura 123 li toffri opportunità lill-entitajiet jew intrapriżi li jipproċessaw il-prodott primarju agrikolu, biex jagħmlu investiment li jtejjeb il-valur miżjud tal-prodott. Għall-ewwel darba hawn Malta hawn miżura li hi maħsuba biex jitwaqqfu attivitajiet turistici f'żoni rurali u miżura oħra għall-konservazzjoni tal-wirt rurali.

Minn dawn l-opportunitajiet ta' għajnuna li semmejna, wieħed jinduna li l-Pjan tal-Iżvilupp Rurali 2007-2013 huwa wieħed komplet u għandu l-għan li jgħin lill-bdiewa u r-raħħala, kif ukoll li jsebbaħ l-ambjent rurali Malti għall-benefiċċju ta' kulħadd.

**Malta-EU Steering & Action Committee**

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2590 9101 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt